**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 395 tat-30 ta' Mejju 2016 dwar kummenti dwar *pairing* fuq sit elettroniku**

Fis-Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2016, meta s-Sedja kienet preseduta allura mid-Deputy Speaker, l-Onor. Ċensu Galea, l-Onor. David Agius għamel din it-talba lis-Sedja:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, għadhom kemm ġibduli l-attenzjoni li persuna fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru kitbet u qalet li l-Oppożizzjoni ma tridx tagħmel *pairing* għall-Onor. Louis Grech. Kif taf is-Sedja, jekk il-Gvern jitlob li l-Onor. Louis Grech jiġi *paired* għax huwa indispost minħabba raġunijiet ta' saħħa, għandna ftehim ġo din il-Kamra li hekk isir. Aħna dak dejjem irrispettajnieh, u nibqgħu nirrispettawh. Allura nitlobok, Sur President, biex tinvestiga dan ir-rapport – nista' ngħaddilek anke r-rapport innifsu – għax assolutament mhuwiex veru li l-Oppożizzjoni ma tridx tagħmel *pairing* għall-Onor. Louis Grech, jekk kemm-il darba, kif nafu lkoll, għandu xi diffikultajiet ta' saħħa. Allura, Sur President, nitolbok li tinvestiga u tieħu l-azzjoni neċessarja."

Kien hawnhekk li d-Deputy Speaker l-Onor. Ċensu Galea, li kien qed jippresiedi dik is-seduta, irrisponda hekk:

> "**THE DEPUTY SPEAKER:** Onor. David Agius, nitolbok tgħaddili l-informazzjoni. Naturalment m'iniex konxju ta' dak li jkun qed jiġi *posted* minn ma nafx kemm persuni, però jekk dak li qed tgħid inti huwa minnu, din hija allegazzjoni infondata u ċertament timmerita li jittieħdu l-passi neċessarji."

Aktar tard l-Onor. Godfrey Farrugia intervjena u qal hekk:

> "**ONOR. GODFREY FARRUGIA:** *Point of information* dwar dak li qal il-kollega tiegħi l-*Whip* tal-Oppożizzjoni. Jien tlabt bil-miktub permezz ta' *SMS* biex id-DPM ikun *paired* u risposta qatt ma kelli mill-ġimgħa li għaddiet 'l hawn. Grazzi."

L-Onor. David Agius, il-*Whip* tal-Oppożizzjoni, reġa' intervjena u qal hekk:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** Hija ħaġa naturali, ħaġa li naqblu fuqha dejjem u ħadd m'għandu għalfejn jifhem mod ieħor; meta persuna ġo dan il-Parlament tkun ma tiflaħx, u nafu li d-Deputat Prim Ministru huwa indispost, kif naslu għall-ħin tal-*pairing*, jissejjaħ min-naħa tal-Gvern u aħna naċċettawh mingħajr l-ebda problema ta' xejn. Imma li jiġi allegat, kif hawn hawnhekk, li l-Oppożizzjoni ma tridx tagħti l-*pairing*, hija gidba totali."

L-Onor. Godfrey Farrugia rrisponda hekk:

> "**ONOR. GODFREY FARRUGIA:** Napprezza r-risposta. Intenni dak li għedt, imma napprezza r-risposta."

Id-Deputy Speaker wieġeb lill-Onor. Godfrey Farrugia u qal:

> "**THE DEPUTY SPEAKER:** Onor. Farrugia, naħseb li naqblu lkoll li *a non-answer* ma jfissirx li m'hemmx arranġament ta' *pairing*."

Kien hawnhekk illi l-Onor. Farrugia qal:

> "**ONOR. GODFREY FARRUGIA:** Fil-każ illi kien hemm fis-sekwenza tal-*SMS, a non-answer* ifisser li ma kienx hemm qbil fuq dak li kien hemm miktub."

Imbagħad finalment reġa' qam l-Onor. David Agius u qal hekk:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** Mr Speaker, l-irġulija tal-Oppożizzjoni hija tali li meta aħna nagħtu kelma, u hawn ġew hawn ftehim... Kellna okkażjonijiet ta' deputati li ma kinux jistgħu jiġu f'din il-Kamra minħabba raġunijiet ta' saħħa; il-ftehim huwa dejjem li min-naħa tal-Oppożizzjoni naraw li dik il-persuna tiġi *paired*, u dak qatt mhu se jinbidel, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi."

Hawnhekk is-Sedja ġiet mitluba tagħmel l-investigazzjoni meħtieġa fuq dak li ġie rrapportat u tagħti d-direzzjoni tagħha.

Is-Sedja ġiet mogħtija kopja tal-artiklu li deher fil-websajt glennbedingfield.com bit-titolu "*L-Oppożizzjoni ma tridx tipperja lil Louis Grech*", datat 24 ta' Mejju, 2016 fil-ħin qabel ma ġibed l-attenzjoni għalih l-Onor. David Agius. F'dan l-artiklu kien hemm miktub hekk:

> "L-Oppożizzjoni trid tressaq il-mozzjonijiet, tiddetta l-aġenda u minn fuq ma tikkoperax mal-Gvern tant li lanqas trid tipperja lid-Deputat Prim Ministru Louis Grech li bħalissa jinsab għaddej minn perjodu ta' konvalexxenza wara operazzjoni serja li kellu. Basta ħafna daqq ta' trombi u solidarjetà falza."

Imbagħad lejn l-aħħar tal-artiklu hemm miktub:

> "Minkejja li n-naħa tal-Gvern aċċettat li d-diskussjoni fuq iż-żewġ mozzjonijiet issir fuq jumejn, l-Oppożizzjoni ma kkoperatx u ma tridx tipperja ma' Louis Grech."

Dak kien dak li ġie ppostjat fil-*blog* glennbedingfield.com

Peress li fit-tweġiba tiegħu fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016, il-*Whip* tal-Gvern irrefera għal korrispondenza bil-miktub permezz ta' *SMS*, is-Sedja tkellmet personalment mal-Onor. Godfrey Farrugia li f'*email* indirizzata lis-Sedja, datata 25 ta' Mejju 2016, tard filgħaxija, proprju fit-8.36 p.m., kiteb hekk:

> "Insib dak li tlabtni, it-*transcript* tal-*SMSs* ta' bejni u bejn il-kollega David. Ngħarrfek ukoll li ma hemmx ftehim ifformalizzat dwar *pairing* bejn Gvern u Oppożizzjoni."

Fil-fatt is-Sedja rat il-korrispondenza kollha tal-*SMSs* li kienu numerużi, u se tagħmel referenza għal *SMS* partikolari miktub mill-Onor. Godfrey Farrugia lill-Onor. David Agius li jaqra hekk:

> "Nitlob DPM *paired*."

Is-Sedja qed tifhem li DPM huwa d-Deputat Prim Ministru, u r-risposta tal-Onor. David Agius kienet:

> "*I will revert back after necessary consultation.*"

Dawk kienu *SMSs* tad-19 ta' Mejju 2016. Imbagħad fl-*SMSs* li ġew skambjati bejn l-Onor. Godfrey Farrugia u l-Onor. David Agius fl-20 ta' Mejju 2016, ir-risposta finali tal-Onor. David Agius lill-Onor. Godfrey Farrugia kienet tgħid hekk:

> "*Since there is no agreement re Wednesday there is no agreement on anything, not even re Monday and Tuesday*."

Is-Sedja hija konxja li ma kienx hemm ftehim, tant li ġie mitlub li ssir laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, liema laqgħa nżammet is-Sibt wara nofsinhar fil-21 ta' Mejju 2016. Is-Sedja eżaminat it-traskrizzjoni kollha ta' dik il-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra u minnu jirriżulta li ma kien hemm ebda ftehim fuq is-seduti tal-ġimgħa ta' wara. Jirriżulta wkoll li bl-ebda mod u fl-ebda ħin ma ġie diskuss il-*pairing* tal-Onor. Louis Grech f'dik l-aħħar laqgħa ta' dan il-Kumitat.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal dak li diġà ġie deċiż f'*rulings* preċedenti, b'mod partikolari f'*ruling* li tat is-Sedja fis-Seduta Nru 339 tal-14 ta' Diċembru 2015, fejn kien intqal hekk:

> "Is-Sedja tinnota li biex tkun tista' tagħti rimedju l-ilment li jkun tqajjem irid ikun jirrigwarda pubblikazzjoni li fiha tkun saret referenza għal xi diskors jew tweġibiet għal domandi parlamentari jew kwalunkwe dokument ieħor li jkun tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra u li b'xi mod ikun ġie kkwotat ħażin jew inkella b'qerq. U dan kif inhu anke spjegat fil-Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, fejn f'artiklu 11 subinċiż (4), paragrafi (i), (j) u (k) huwa deskritt bħala reat ..."

Is-Sedja tifhem u rat li l-artiklu li deher fil-*blog* glennbedingfield.com bit-titolu "*L-Oppożizzjoni ma tridx tipperja lil Louis Grech*", datat 24 ta' Mejju 2016, deher qabel ma beda d-dibattitu li fih tqajjem l-ilment tal-Onor. David Agius dwar dak li ġie rappurtat f'dan il-*blog*. Is-Sedja tinnota wkoll li dan l-artiklu bl-ebda mod ma jirrifletti xi diskors jew tweġibiet għal domandi parlamentari jew kwalunkwe dokument ieħor li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fir-rigward tal-*pairing* tal-Onor. Louis Grech. Għalhekk, is-Sedja ma tistax tagħti rimedju kif mitlub mill-Onor. David Agius fir-rigward ta' dak li nkiteb fl-artiklu msemmi. Għalhekk f'kull każ ir-rimedju li jista' jintalab ma huwiex wieħed li jaqa' taħt ir-regolamenti tal-Kamra.

Madankollu, is-Sedja bi pjaċir tinnota li fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 stess ġie verbalizzat b'mod ċar li kemm il-Gvern kif ukoll l-Oppożizzjoni se jkunu qed jipperjaw f'kull okkażjoni lil dawk id-deputat li jkunu assenti minħabba raġunijiet ta' saħħa, u dan kif fil-fatt jirriżulta mill-istess traskrizzjoni tal-interventi li saru mill-Onor. David Agius u mill-Onor. Godfrey Farrugia li f'mument minnhom irrisponda hekk: "Nieħu pjaċir li se jinżamm il-ftehim". Għalhekk is-Sedja qiegħda tordna li kopja tat-traskrizzjoni tal-interventi li matulhom ġie verbalizzat il-ftehim li sar fil-Kamra dwar il-*pairing*, u speċifikament il-*pairing* tal-Onor. Louis Grech, jintbagħat lill-persuna li tieħu ħsieb il-*blog* glennbedingfield.com. Dan sabiex dak li issa sar fil-Kamra jista' jiġi rappurtat b'mod fidil u b'mod preċiż.

Ir-*ruling* huwa deċiż.